MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Rikors Numru. 430/1997/1

Francis Galea
vs
Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' Novembru 1987 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa ilu jahdem bhala Instructor minn April 1973 fejn matul il-karriera tieghu dejjem ta aktar minn sehmu ghall-gid ta' l-istudenti, kif ukoll kull sena zamm ruhu aggornat u attenda diversi korsijiet specjalizzati f'hafna oqsma differenti, sahansitra attenda ghal kors ta' sentejn kemm fl-Universita' ta' Malta kif ukoll dik ta' Birmingham ghal

Diploma f'Educational Administration and Management (Lulju 1987). F'Novembru tal-1987 hargu ghall-ewwel darba applikazzjonijiet ghall-Assistenti Kapijiet fl-Iskejjel tas-Snajja fuq bazi ta' mertu u efficjenza fejn applikaw 61 Instructors u li minnhom tnejn biss kellhom id-Diploma. Wara li saru l-intervisti, rrizulta li huwa ma kienx fost dawk id-disa' li gew promossi u ghalhekk hass li saret ingustizzja mieghu, aktar u aktar meta jaf li tmienja minnhom ma kellhomx din id-diploma tant importanti. Konsegwenza ta' din il-vendikazzjoni huwa sofra kemm mentalment kif ukoll fizikament tant li sahansitra llum il-gurnata qieghed isofri hsara permanenti bi problemi tal-qalb u jrid jghix hajtu kollha fuq il-kura.

Ghaldaqstant huwa hass li din l-ingustizzja saret mhux biss ghax ma kienx membru tal-M.U.T u ghax kien attiv f'hafna oqsma kulturali u edukattivi taht is-sittax-il sena ta' Gvern Laburista, izda wkoll minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att VIII ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzj, u li jinghata l-promozzjoni u l-arretrati b'lura mill-1987, jew inkella dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5,000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta u dikjarazzjoni dwar il-fatti mid-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni li eccepixxa:

1. Illi, preliminarjament, la r-rikors huwa dwar bord tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, din ghandha tigi kjamata fil-kaz sakemm dan huwa permess mill-Att VIII ta' l-1997 u mill-Kostituzzjoni.

2. Il-procedura kollha esegwita dwar is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-kariga msemmija hija din:

i. Fit-2 ta' Marzu 1987 harget is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta' Assistent Kap (Administration) fl-iskejjel Tas-Snajja (dok. A). Il-Bord ta' l-ghazla kien maghmul mis-Sur Harry Saliba, chairman; Sur George Vella, Membru, u Sur Victor Garroni, Rapprezentant ta' l-Establishments (dok. B u C).

ii. Illi r-rikorrent gie fit-22 post skond ir-rizultat finali (dok.D).

iii. Fil-15 ta' Gunju 1988, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku, gie approvat li l-ewwel sitta fl-ordni ta' mertu jigu mahtura fil-grad ta' Assistent Kap ta' l-iskejjel tas-snajja b'sehh mill-14 ta' Gunju 1988 (dok.E).

iv. Fil-15 ta' Mejju 1989 id-Direttur ta' l-Edukazzjoni ghamel talba lill-Ministeru tal-Finanzi u lill-Estabilishments biex jimtlew tmien postijiet fil-grad ta' Assistent Kap Amministrazzjoni Skejjel tas-Snajja, fl-isfond tal-Ftehim bejn id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u l-GWU iffirmat fl-1 ta' Novembru 1982 (dok.F).

v. Fit-13 ta' Gunju 1989 l-Establishments informa lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni li gew approvati li jimtlew tliet postijiet biss (dok.G).

vi. Fuq rakkomandazzjoni tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku gie approvat li t-tliet persuni li jmisshom skond l-ordni ta' mertu jinhatru fil-grad ta' Assistent Kap Amministrazzjoni fl-Iskejjel tas-Snajja' (dok. H u I).

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ghandu jirrespingi it-talbiet tar-rikorrent vis a vis l-intimat li bl-ebda mod m’ huwa responsabbli f' dan il-kaz.

Ra l-lista ta' xhieda u dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.
Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li hu dahal jahdem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni bhala instructor on loan mid-Dockyard u kif bdew it-Trade Schools fl-1972 ma kienx hemm instructors bizzejjed u hu gie assenjat ix-xoghol ta’ instructor mad-Dipartiment. Qal li meta sar instructor zamm l-istess union li kellu qabel, il-General Workers’ Union. Huwa qal li ddedika ruhu ghax-xoghol u rsista biex jikkwalifiku ruhu u esebixxa l-kwalifiki li gab. Zied jghid li fl-1984 l-MUT ordnat strike politiku ghall-membri taghha u hu ma kienx strajkja. Qal ukoll li fl-1987 qabel ma nbidel il-Gvern harget is-sejha ghall-post ta’ Assistant Head. F’ Mejju meta nbidel il-Gvern l-ewwel disgha li gew fil-lista tar-rizultati kienu kollha membri tal-MUT u kienu kollha hadu sehem fl-istrajk politiku tal-1984. Qal li hu u iehor biss kienu l-unici li kellhom diploma in Educational Administration and Management. Qal li wara dan peress li gie klassifikat it-22 post waqa’ f’ depressjoni kbira, ma baqax kapaci jattendi x-xoghol u eventwalment anke tah attakk tal-qalb. Fl-1991 baghat ghalih id-Direttur u qallu biex jibda jezegwi xoghol ta’ Acting Assistant Head u baqa’ jaghmel dawn id-dmirijiet bla hlas. Huwa esebixxa dokument fejn jidher li hu fil-fatt ha l-promozzjoni ghal Assistant Head b’ sehh minn Marzu 2000.

Lino Cassar Assistant Head tat-Trade Schools xehed li hu u r-rikorrent dahlu flimkien bhala instructors. Hu kien applika ghal Assistant Head u ha dan il-grad. Zied jghid li r-rikorrent kien ilu zmien jaghmel xoghol ta’ Acting Head of Department. Wara dan qal li r-rikorrent mar fl-iskola ta’ Bighi fejn l-iskola kienet tkun f’ idejh (u dak in-nhar li xehed ir-rikorrent kien ghadu Acting Assistant Head u kien ghadu ma hax il-grad ta’ Assistant Head).

Xehed Paul Muscat Instructor Grade 3 li qal li l-grad tieghu huwa anqas minn ta’ Assistant Head. Zied jghid li r-rikorrent li kien jahdem mieghu fl-iSkola Umberto Calosso kien mar l-iskola ta’ Bighi fejn hemm beda jaghmel xoghol ta’ Assistant Head.

Xehed Louis Borg li qal li kien dahal bhala Instructor flimkien mar-rikorrent. Qal li meta f’ Marzu 1993 mar Bighi sab lir-rikorrent hemmhekk jaghmel xoghol ta’ Assistant Head. Qal li jaf ukoll li r-rikorrent kien ghamel kors ta’ amministrazzjoni mill-Universita` u ghadda b’ success. Indika wkoll xi nies li hadu l-promozzjoni ghal Assistant Head ghalkemm ma kellhomx kwalifiki daqsu. Fosthom semma lil Degiovanni Joseph Segretarju fl-MUT u Bezzina Carmel membru iehor fl-MUT.

Xehed Joe Grima li ghandu l-grad ta’ surmast. Huwa qal li kien surmast Bighi u kien baghat ittra lil Frederick Fearne u qallu li ser jirrizenja peress li kien mghobbi wisq bix-xoghol u ma kellux assistenti. Wara dan qal li r-rikorrent kien intbaghat Bighi biex jghin. Hu fil-fatt kien ghen hafna fl-amministrazzjoni izda huwa kien jithallas bis-salarju ta’ Instructor 3 u mhux ta’ Assistant Head. Qal li jaf ukoll li r-rikorrent fl-1988 diga kellu diploma fl-administration mill-Universita`.

Lawrence Galea Assistant Head ta’ Trade School xehed li meta mar Bighi r-rikorrent kien hemm qablu u kien qed jahdem fl-amministrazzjoni mhux bhala instructor. Ir-rikorrent kien qed jaghmel xoghol ta’ Assistant Head.

Xehed Joe Vassallo Works Technical Manager fl-iskola ta’ Bighi li semma li bhala grad jithallas ta’ Assistant Head. Qal li jiftakar li r-rikorrent kien Bighi u kien jghin lis-surmast fl-amministrazzjoni.

Xehed Frederick Fearne li kien Direttur tal-Edukazzjoni li qal li jiftakar dwar il-kors ghad-diploma in administration u dan il-kors kien intenzjonat propju ghal dawk li riedu jsiru assistant heads. Tant kemm hu hekk li llum l-agreements mal-MUT u l-General Workers’ Union din id-diploma in Administration hija rekwizita biex issir Assistant Head.

Qal li mill-ewwel disa klassifikati fil-promozzjonijiet ghal Assistant Head, kien hemm wiehed biss li kellu din id-diploma.

Xehdet Anne Borg Education Officer Secondary Administration fl-iskola ta' Bighi li qalet li r-rikorrent kien qed jaghmel xoghol ta' amministrazzjoni fl-iskola.

Xehed Mario Cacciattolo rapprezentant tad-Direttur Generali tal-Edukazzjoni li qal li fl-interview ghall-call for applications li kient harget ghal Assistent Kap ta' trade school, ir-rikorrent kien gie fit-22 post. Qal ukoll li l-process ta' promozzjoni kien sar taht l-awspici tal-P.S.C. bir-regolamenti tal-P.S.C. Hu kkonferma li fil-bord li kien gie appuntat kien hemm nies li kienu mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Hu vverifika wkoll dwar id-disa' persuni li gew appointed Assistant Heads dak iz-zmien u qal li kollha kienu senior tar-rikorrent, minbarra wiehed, Maximilian Borg. Hu vverifika wkoll dwar il-grad ta' dawn il-persuni llum il-gurnata u sab li Bezzina Carmel u John Saliba huma kap ta' skola u l-ohrajn Assistant Heads. Hu esebixxa l-breakdown tal-marki ghall-call for applications in kwistjoni ghal Assistant Head.

**KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq li applika ghall-promozzjoni ta' Assistant Kap (Administration) ta' l-iskejjel tas-snajja wara cirkolari mahruga fit-2 ta' Marzu 1987 u ma giex maghzul ghax spicca fit-22 pozizzjoni meta gew moghtija l-hatra 9 biss. Irrizulta li r-rikorrent u iehor biss kienu l-unici li kellhom diploma in Educational Administration and Management u li l-iehor lahaq waqt li hu ma giex moghti din il-promozzjoni. Tant hija element essenzjali li skond ix-xhieda ta' Frederick Fearne illum il-gurnata din hija rekwizit ghax il-kors kien organizzat propju ghal dawn l-ghalliema biex ikunu jistghu jilhqu Assistant Heads. Dwar ir-rikorrent intqal biss kliem ta' tifhir dwar ix-xoghol tieghu. Illi ghalhekk ir-rikorrent kien certament haqqu jiehu l-promozzjoni ghax altrimenti naslu fi stat fejn min hu aktar kwalifikat u habrieki ma jiswa ghal xejn.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Assistant Kap (Administration) Skejjel tas-Snajja b'effett mill-istess data li lahqu fiha l-persuni l-ohra in segwitu tal-applikazzjoni tat-2 ta' Marzu 1987 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.